MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Avviz Numru. 61/2000/1

Peter Paul u Emanuela konjugi Vella

vs

Johnaton Muscat

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta’ l-atturi li talbu li l-konvenut jigi kundannat ihallas d-danni kollha sofferti mill-atturi kif jigu hekk likwidati minhabba incident awtomobilistiku li gara fil-hdax (11) ta’ April 2000 fi Triq Wied Bingemma, Nadur, Ghawdex, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura tat-tip Isuzu Gemini (numru ta’ registrazzjoni IBA 537) b’traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ l-attur Peter Paul Vella li kien qed isuq vettura tat-tip Nissan Bluebird (numru ta’

registrazzjoni FBD 917) u kkaguna l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, li ghalih il-konvenut hu unikament responsabbli u dana wara li jigi dikjarat minn dina l-Qorti li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi.

Bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni u bl-ispejjez ukoll ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Gunju 2000 spedita kontra l-istess konvenut.

Gie dikjarat li d-danni ma jeccedux l-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi l-attur Peter Paul Vella kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;
2. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda kemm ta’ dan l-avviz u kemm ta’ l-avviz 57/00 billi trattaw l-istess incident awtomobilistiku u nstemghu kontestwalment;

Ikkunsidrat:

L-incident awtomobilistiku in meritu huwa dak riferit fl-iskizz esebit folio 42. Il-vettura misjuqa mill-attur hi dik bin-numru ta’ registrazzjoni FBD 917 waqt li dik misjuqa mill-konvenut hi dik bin-numru ta’ registrazzjoni IBA 537. L-incident gara f’triq li hija kampestri fis-sens li hija triq fil-kampanija li sservi l-ghelieqi attigwi ghaliha. Il-

kontendenti mhux jikkontestaw l-iskizz u lanqas m'huma jikkontestaw li qabel il-habta huma kienu qeghdin jittranzitaw it-triq minn direzzjonijiet opposti ghal xulxin. L-attur kien qieghed isuq ghan-nizla sejjer fl-ghalqa tieghu waqt li l-konvenut kien qieghed isuq ghat-telgha, gej mid-direzzjoni opposta. Kif inevitabilment jigri f'kazijiet ta' din ix-xorta, fejn hemm ko-involti biss zewg sewwieqa minghajr xhieda estranji u di piu' f'incident li jsehh f'triq kampestri, li b'kemm kemm jghaddu zewg karozzi, il-Qorti trid necessarjament tistrieh fuq l-iskizz wara li tati kredibilita' lill-verzjoni tal-fatti l-aktar konfacjenti ma' l-incident. F'kazijiet bhal dawn ir-rapport tal-Pulizija jassumi importanza rilevanti.

Huwa veru li huwa dejjem l-attur li jrid jipprova l-kaz tieghu izda hawnhekk si tratta ta' decizjoni li ser tolqot ukoll kawza ohra konnessa ma' din, li ukoll ser tigi deciza illum, fuq il-bazi ta' din id-decizjoni, u li fiha l-konvenut huwa attur.

Ezaminati l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa: skond dik ta' l-attur hu kien miexi fuq in-naha tieghu rasenti l-hajt kemm kemm jitharrek. Ra l-vettura tal-konvenut tielgha misjuqa bil-qawwi. Kompla, fi kliemu stess: "kif rani gej [il-konvenut] ippanikja u minflok ma' baqa ghaddej fuq is-side tieghu, ghax kellu minn fejn jghaddi, huwa gibed ghal fuqi u laqatni fuq il-parti tal-mudgard tan-naha tal-lemin". Zied li l-konvenut qallu li kien mifxul fuq il-gamiem u semma' li kien osserva lill-konvenut inehhi senter mill-bagoll u jmur jahbih qalb il-haxix. Dan kien dak li stqarr ukoll lill-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kollizjoni; skond il-verzjoni tal-konvenut (xhieda tieghu folio 53 u xhieda in kontro ezami nserita fl-avviz 57/00) d-daqqa tahielu l-attur ghaliex hu hemmhekk kien wieqaf u mad-daqqa l-vettura tieghu mxiet lura u daret. Stqarr li kien tiela b'35m.f.s, ma jafx jekk fuq it-tieni jew it-tielet gear. Stqarr li d-danni fuq il-vetturi rispettivi kienu fuq l-istess genb. Semma' gebla li kienet tostakola parti mit-triq liema gebla kienet fuq il-parti tat-triq tieghu u minhabba f'hekk ma' kienux jghaddu zewg vetturi. Lill-Pulizija hu kien zied jghidlu li l-attur kien niezel bil-qawwa u hu kien ghafas il-brake u waqaf pero' l-

vettura l-ohra baqghet gejja, habtet fil-vettura tieghu, imbuttatu, u dawritu ghax baqghet titkaxxkar.

Issa minn ezami ta’ l-iskizz jirrizulta li l-habta grat qisu fuq il-linja medjana tat-triq, aktar pero’ fuq in-naha tal-attur. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien gja mmanuvra kemm il-liwja u kemm il-gebla. Issa, ghalkemm mill-iskizz il-‘brake marks’ rispettivi kif hemm murija, huma ftit aktar fit-tul fir-rigward dawk ta’ l-attur, il-Qorti pero’ xorta, wara li hadet kollox in konsiderazzjoni, inkluz il-kliem li qal il-konvenut lill-attur wara l-habta liema kliem il-konvenut qatt ma nnega li qalhom, hi ferma fil-konvinzjoni taghha li ghandu l-konvenut jigi tenut responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwenti hsara sofferta fil-vettura ta’ l-attur.  Tqis ukoll li l-velocita’ tal-konvenut kienet eccessiva fic-cirkostanzi.

Illi a propositu d-danni, l-attur qieghed jirriklama s-somma ta’ erba’ mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm484) li jidhru li huma mhux biss pruvati permezz tal-fatturi esebiti minnu izda wkoll gustifikati.

Ghaldaqstant, tiddeciedi u tiddisponi mill-avviz, billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihalsu l-ammont ta’ erba’ mija u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm484) import tad-danni kif inghad. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------